MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1175/2001/1

**Bank of Valletta p.l.c.**

**-vs-**

**Emanuel Farrugia u Carmen Tabone.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-26 ta' Gunju, 2001 li permezz tieghu l-Bank attur ippremetta:

Illi b' kuntratt datat 23 ta' Marzu, 1988 fl-atti tan-Nutar Dottor Philip Said s-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet

"Overdraft Facility" lill-konvenuti Emanuel Farrugia u Carmen Tabone;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti fl-ammont ta' elf, tmien mija u seba' Liri Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm1, 807.76) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" tal-konvenuti Emanuel Farrugia u Carmen Tabone mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A28") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t' April, 2001 sad-data ta' l-effettiv pagament;

U illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 15 ta' Dicembru, 2000 li kopja taghhom tigi hawn ezebita u mmarkata Dok "B" sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tikkundanna lil Emanuel Farrugia u Carmen Tabone jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tmien mija u seba' Liri Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm1, 807.76) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" tal-konvenuti Emanuel Farrugia u Carmen Tabone mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A28") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t' April, 2001 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 15 ta' Dicembru, 2000 kontra il-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Bank attur mahlufa mill-Prokuratur Legali Joseph Zammit u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Carmen Tabone li permezz taghha eccepiet:

a) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-konvenuta stante li **ma jeziti ebda rabta u/jew obbligu bejn l-esponenta u l-bank attrici.**

b) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenta hi **legalment separata** minn Emanuel Farrugia u r-rabtiet u obbligi li jkun dahal fihom il-konvenut Emanuel Farrugia ma jestendux ghall-esponenta li **ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.**

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenut ma' pprezentax in-Nota ta' l-eccezzjonijiet ghalkemm gie debitament notifikat u kwindi baqa' kontumaci skond il-ligi.

Rat l-atti processwali.

Semghet ix-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Novembru, 2003 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Illi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta huma fis-sens illi ma hemm ebda rapport kuntrattwali bejnha u is-socjeta' attrici u li hija legalment separata minn mal-konvenut u kwindi l-obbligi tieghu ma' jestendux ghaliha.

Il-fatti tal-kaz huma li l-konvenut ha self mill-Bank attur fl-1988 permezz ta' kuntratt ippublikat minn Nutar Dottor Philip Said kif intqal. Il-konvenuti sseparaw b' att ippublikat minn Nutar Dottor Joseph Sciriha fl-1997. Permezz ta' dan il-kuntratt il-partijiet assumew ghalihom id-djun rispettivi taghhom (Artiklu 9 tal-kuntratt – a fol 59 tal-process).

Wiehed ghandu jinnota li qabel Dicembru 1993 ir-ragel seta jorbot il-komunjoni tal-akkwisti minghajr il-kunsens tal-mara u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ma' tregix. Kwantu ghall-fatt li l-konvenuti sseparaw wara li sar il-

kuntratt ta' self, ma' hemmx dubbju li dan il-kuntratt kien *"res inter alios acta"* ghall-Bank. Kwindi z-zewg eccezzjonijiet qed jigu respinti.

**Il-Qorti ghalhekk, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u fil-kontumacja tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-Bank attur is-somma ta' ta' elf, tmien mija u seba' Liri Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm1, 807.76) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t' April, 2001 sad-data ta' l-effettiv pagament; bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali imsemmija fic-citazzjoni jigu sopportati kollha mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------